# IL-KONSUM U L-PRODUZZJONI SOSTENIBBLI

It-tkabbir sostenibbli huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE). Quddiem l-iskarsezza globali tar-riżorsi naturali, l-isfida ewlenija għall-produtturi u għall-konsumaturi hija dik li "jsir aktar b'anqas". Biex tindirizza din l-isfida f'perjodu ta' tibdil rapidu fil-klima u ta' domanda dejjem tikber għall-enerġija u r-riżorsi, l-UE introduċiet firxa sħiħa ta' politiki u inizjattivi li għandhom l-għan li jiggarantixxu konsum u l-produzzjoni sostenibbli. Dawn il-politiki għandhom itejbu l-prestazzjoni ambjentali kumplessiva tal-prodotti matul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom, jistimolaw id-domanda għal prodotti u teknoloġiji produttivi aqwa u jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet informati. Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u, b'mod partikolari, il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari, tħabbret inizjattiva leġiżlattiva dwar il-politika tal-prodotti sostenibbli biex il-prodotti jiġu adattati għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## IL-KISBIET

**A.** Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli (SCP)

F'Lulju tal-2008, il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' azzjonijiet u proposti dwar l-SCP u l-Politika Industrijali Sostenibbli (SIP) (COM(2008)0397), li għandu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, iżid l-għarfien tal-konsumaturi u d-domanda għal prodotti u teknoloġiji għall-produzzjoni sostenibbli, jippromwovi l-innovazzjoni fl-industrija tal-UE u jindirizza l-aspetti internazzjonali. Il-Pjan ta' azzjoni tal-SCP wassal għat-tnedija ta' inizjattivi fl-oqsma li ġejjin: l-estensjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Ekotikkettar, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Ġestjoni u l-Verifika Ambjentali, il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku, il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni. Dawn l-istrumenti huma parti integrali tal-Istrateġija tal-UE għal Żvilupp Sostenibbli (SŻS tal-UE), li r-reviżjoni tagħha fl-2009 saħħet l-impenn li ilha turi l-UE biex jintlaqgħu l-isfidi tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab barra mill-UE, pereżempju permezz tal-Proċess ta' Marrakech tan-NU.

## B. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi

B'segwitu għall-inizjattiva emblematika Ewropa 2020 dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, li tappella għal strateġija biex jiġu definiti l-objettivi fuq perjodu ta' żmien medju u twil fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-mezzi biex dawn jinkisbu, fl-2011 ġie varat il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi. Il-pjan jipproponi modi kif tiżdied il-produttività tar-riżorsi u jsir diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi u l-impatt ambjentali tagħhom (ara wkoll l-Iskeda Informattiva 2.5.6 dwar l-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi u l-Ekonomija Ċirkolari).

## C. L-ekotikkettar u tikkettar enerġetiku

It-tikkettar jipprovdi informazzjoni essenzjali lill-konsumaturi li tippermettilhom jagħmlu għażliet informati. L-Ekotikketta Ewropea hija skema volontarja, stabbilita fl-1992, bil-għan li tinkoraġġixxi lill-impriżi jikkummerċjalizzaw prodotti u servizzi li jissodisfaw ċerti kriterji ambjentali. Il-kriterji jiġu ffissati u riveduti mill-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE (EUEB), li huwa wkoll responsabbli mir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u l-verifika assoċjati magħhom. Il-prodotti u s-servizzi li jingħataw l-Ekotikketta juru logo f'għamla ta' fjura, li jippermetti lill-konsumaturi – inklużi xerrejja pubbliċi u privati – li jidentifikawhom faċilment. It-tikketta sal-lum ingħatat lill-prodotti ta' tindif, apparat domestiku, prodotti tal-karta, ilbies, prodotti għad-dar u għall-ġnien, lubrifikanti u għal servizzi bħal dawk tal-akkomodazzjoni turistika. Il-kriterji tal-Ekotikketta mhumiex ibbażati fuq fattur uniku iżda fuq studji li janalizzaw l-impatt ta' prodott jew servizz fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Ir-reviżjoni tal-2008 tar-Regolament dwar l-Ekotikketta ((KE) Nru 66/2010) għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-iskema volontarja tal-Ekotikketta billi tagħmel regoli li jkunu anqas għoljin u burokratiċi biex jiġu applikati. Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha (kontroll tal-idoneità) tar-Regolament dwar l-Ekotikketta. Hija sabet li r-regolament huwa rilevanti, koerenti b'mod wiesa' u jagħti valur miżjud tal-UE. Madankollu, hija kkonkludiet ukoll li r-regolament huwa parzjalment effettiv (peress li jippermetti prestazzjoni ambjentali mtejba għall-prodotti li jġorru t-tikketta, iżda l-kriterji jistgħu ma jkunux adegwati u l-użu jibqa' baxx għal ċerti tipi ta' prodotti) u parzjalment effiċjenti (peress li, f'xi każijiet, l-ispejjeż għall-konformità jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-parteċipazzjoni).

Id-Direttiva 92/75/KEE introduċiet skema għat-tikkettar tal-enerġija fl-UE kollha għall-apparat domestiku (white goods), fejn it-tikketti u l-informazzjoni fuq il-fuljetti tal-prodotti jindikaw ir-rati tal-konsum enerġetiku lill-konsumaturi potenzjali għall-mudelli kollha disponibbli. Mill-introduzzjoni tagħha fl-1995, it-Tikketta tal-Enerġija tal-UE saret gwida għall-produtturi u l-konsumaturi rikonoxxuta u rispettata minn bosta. F'Ġunju tal-2010, id-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Enerġija (2012/30/KE) ġiet riveduta bil-għan li jiġi estiż l-ambitu tagħha biex ikopri firxa akbar ta' prodotti inklużi prodotti li jużaw l-enerġija u oħrajn li huma relatati mal-enerġija. Fil-15 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni pproponiet li terġa' tintuża skala waħda tat-tikkettar mill-"A sa G". Skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE, inħolqu rekwiżiti ġodda għat-tikkettar tal-enerġija għal gruppi ta' prodotti individwali. B'mod konkret, mill-2021 'il quddiem, ħames gruppi ta' prodotti (fridges, magni tal-ħasil tal-platti, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, televisions u lampi) se jiġu "riklassifikati": prodott li juri klassi tal-effiċjenza enerġetika A+++

pereżempju, isir klassi B wara r-riklassifikazzjoni, mingħajr ebda tibdil fil-konsum tal-enerġija tiegħu. Il-klassi A inizjalment se titħalla vojta biex tħalli spazju għal mudelli aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Dan se jippermetti lill-konsumaturi jiddistingwu b'mod aktar ċar bejn il-prodotti l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

**D.** Ekodisinn

Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn tiżgura t-titjib tekniku tal-prodotti. Ir-reviżjoni tal-2009 (Direttiva 2009/125/KE) tad-Direttiva 2005/32/KE testendilha l-kamp ta' applikazzjoni għall-prodotti relatati mal-enerġija differenti mill-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija; dawn huma prodotti li ma jikkunsmawx enerġija waqt l-użu, iżda li jħallu impatt indirett fuq il-konsum enerġetiku, bħal tagħmir li juża l-ilma, twieqi jew materjal għall-iżolament. Fl-2012, il-Kummissjoni ppubblikat reviżjoni tad-Direttiva 2009/125/KE li fiha tikkonkludi li la hija neċessarja reviżjoni immedjata tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u lanqas l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal prodotti mhux relatati mal-enerġija.

**E.** L-Iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS)

L-EMAS hija strument ta' ġestjoni għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra sabiex jevalwaw, jirrappurtaw u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. L-iskema ilha disponibbli għall-kumpaniji sa mill-1995, iżda oriġinarjament kienet ristretta għal dawk li huma fis-setturi industrijali. Sa mill-2001, iżda, l-EMAS kienet tilqa' kull settur ekonomiku inkluż servizzi pubbliċi u privati. Fl-2009, ir-Regolament EMAS ((KE) Nru 1221/2009) ġie rivedut u modifikat bil-għan li jkompli jħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet jirreġistraw fl-EMAS. Din ir-reviżjoni tar-Regolament EMAS tejbet l-applikabilità u l-kredibilità tal-iskema u saħħet il-viżibilità u l-popolarità tagħha. Fl-2017, l-Annessi I, II u III tar-Regolament EMAS ġew emendati biex jinkludu l-bidliet assoċjati mar-reviżjoni tal-istandard ISO 14001:2015. Ir-Regolament (UE) 2017/1505 li jemenda dawn l-annessi daħal fis-seħħ fit-18 ta' Settembru 2017.

**F.** L-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE).

L-APE huwa politika volontarja għas-sostenn tal-awtoritajiet pubbliċi fix-xiri ta' prodotti, servizzi u xogħlijiet b'impatt ambjentali mnaqqas. Il-kunċett tal-APE ġie rikonoxxut bil-kbir f'dawn l-aħħar snin bħala strument utli biex imexxi s-suq lejn prodotti u servizzi aktar ekoloġiċi u biex inaqqas l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi. L-Istati Membri jimplementaw l-APE permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs). Iż-żewġ direttivi fil-qasam tal-akkwist pubbliku adottati fl-2004 (id-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE) kienu l-ewwel li kien fihom referenzi speċifiċi għall-possibilità li jiġu inklużi kunsiderazzjonijiet ta' natura ambjentali fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni tal-kuntratti, pereżempju billi jiġu inklużi rekwiżiti ambjentali fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-użu tal-ekotikketti jew l-applikazzjoni ta' kriterji għall-għoti bbażati fuq karatteristiċi ambjentali. It-tliet direttivi adottati fi Frar 2014 bħala parti tar-riforma tal-akkwist pubbliku fl-ambitu tal-Att dwar is-Suq Uniku – Id-Direttivi 2014/24/UE (id-Direttiva Klassika), 2014/25/UE (id-Direttiva tal-Utilitajiet") u 2014/23/UE (id-Direttiva tal-Konċessjonijiet) – se jissimplifikaw il-proċeduri rilevanti billi jtejbu l-kundizzjonijiet għall-impriżi biex iġeddu u jinkoraġġixxu użu usa' tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, u b'hekk jappoġġaw il-bidla lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Fl-2008, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titolu "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar" (COM(2008)0400), li tistabbilixxi sensiela ta' miżuri li għandhom jittieħdu

bħala appoġġ għall-implementazzjoni tal-APE mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet kontraenti individwali. Konsegwentement, il-kriterji tal-UE għall-APE ġew żviluppati bħala parti mill-approċċ volontarju għall-APE. Sal-lum, ġew ippubblikati 21 ġabra ta' kriterji fil-qasam tal-APE għal setturi speċifiċi bħat-trasport, tagħmir tal-IT għall-uffiċini, prodotti u servizzi għat-tindif, kostruzzjoni, iżolament termiku, u prodotti u servizzi għall-ġardinaġġ.

**G.** Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni (EcoAP)

L-EcoAP li ġie varat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2011 huwa s-suċċessur tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġiji Ambjentali (ETAP) (COM(2004)0038) u jkompli jibni fuq l-esperjenza ta' dan tal-aħħar. L-ETAP kien intiż li jistimola l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji ambjentali u jtejjeb il-kompetittività Ewropea f'dan il-qasam.

L-EcoAP huwa marbut prinċipalment mal-inizjattiva emblematika "Unjoni ta' Innovazzjoni" tal-istrateġija Ewropa 2020. L-EcoAP jimmira li jespandi l-enfasi tal-politiki tal-innovazzjoni lejn teknoloġiji ekoloġiċi u l-ekoinnovazzjoni kif ukoll li jissottolinja r-rwol tal-politika ambjentali bħala fattur għat-tkabbir ekonomiku. Jimmira wkoll li jkopri l-ostakli speċifiċi u l-opportunitajiet fil-qasam tal-ekoinnovazzjoni, speċjalment dawk li mhumiex koperti minn politiki aktar ġenerali marbuta mal-innovazzjoni.

L-EcoAP huwa qafas politiku wiesa' li jista' jiġi ffinanzjat minn sorsi differenti. Mill-2014 sal-2020, is-sors ewlieni ta' sostenn se jkun l-Orizzont 2020. Sorsi oħra jinkludu l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-programm LIFE għall-ambjent u l-azzjoni għall-klima, COSME u l-politika agrikola komuni. Perċentwal sinifikanti tal-finanzjamenti disponibbli għall-impriżi ekoinnovattivi se jiġi mill-istrumenti ta' finanzjament il-ġodda żviluppati mill-Kummissjoni biex toffrilhom faċilitajiet ta' dejn u ta' ekwità.

F'dawn l-aħħar snin, ħafna mill-għanijiet tal-EcoAP inġiebu flimkien fil-kunċett tal-ekonomija ċirkolari – ekonomija li titgħallem min-natura, fejn xejn ma jinħela. L-ekoinnovazzjoni hija kruċjali biex jitwasslu ħafna aspetti tal-ekonomija ċirkolari: simbjożi industrijali jew ekoloġiji, disinn minn nieqa sa nieqa u mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, eċċ. (ara wkoll l-Iskeda Informattiva 2.5.6 dwar l-Effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-Ekonomija Ċirkolari).

**H.** L-Inizjattiva leġiżlattiva dwar politika għal prodotti sostenibbli

Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari (CEAP) f'Marzu 2020, li fih ħabbret inizjattiva leġiżlattiva dwar politika għal prodotti sostenibbli biex il-prodotti jiġu adattati għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari, li tnaqqas l-iskart u li tiżgura li l-prestazzjoni ta' dawk li jkunu fuq quddiem fis-sostenibbiltà progressivament issir in-norma. L-inizjattiva leġiżlattiva, mistennija fl-aħħar tliet xhur tal-2021, se tinvolvi reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, billi twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha lil hinn mill-prodotti relatati mal-enerġija, u tipproponi miżuri leġiżlattivi addizzjonali. Se tindirizza wkoll il-preżenza ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara fi prodotti bħall-elettronika u t-tagħmir tal-ICT, it-tessuti, l-għamara, l-azzar, is-siment u l-kimiċi. Din l-inizjattiva se tiġi żviluppata f'koordinazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi oħra mħabbra fis-CEAP, b'mod partikolari dawk dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika u

dwar l-issostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali bl-użu ta' metodi ta' impronta ambjentali tal-prodotti u organizzattivi. Flimkien dawn l-inizjattivi se jfittxu li jistabbilixxu qafas ta' politika koerenti li skontu l-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju sostenibbli jsiru n-norma u x-xejriet tal-konsum ikunu aktar sostenibbli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament esprima f'bosta okkażjonijiet is-sostenn tiegħu għall-Pjan ta' azzjoni SCP u l-komponenti tiegħu. Matul ir-reviżjoni tal-2009 tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, il-Parlament irnexxielu jsaħħaħ il-kunċett tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja u, b'mod partikolari, il-kunċett ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-materjali. Il-Parlament irnexxielu wkoll jiżgura l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dettaljati fil-qasam tal-impriżi żgħar u medji u ta' informazzjoni għall-konsumatur. Anki l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva biex tinkludi prodotti "relatati mal-enerġija" ġiet appoġġata bil-qawwa mill-Parlament.

Il-Parlament wettaq rwol sinifikanti fl-introduzzjoni suċċessiva ta' dispożizzjonijiet aktar ekoloġiċi fid-direttivi dwar l-akkwist pubbliku. Fl-aħħar reviżjoni ta' dawn id-direttivi adottati fl-2014 il-Parlament sostna, fost affarijiet oħra, l-introduzzjoni ta' kriterji ġodda ta' għotja skont "l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża" (MEAT). Dan se jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jpoġġu enfasi akbar fuq il-kwalità, il-kunsiderazzjonijiet ta' natura ambjentali, l-aspetti soċjali u l-innovazzjoni, filwaqt li jqisu fl-istess ħin il-prezz u l-kost taċ-ċiklu tal-ħajja tas-suġġetti tal-akkwist.

Fid-19 ta' April 2004, il-Parlament iddeċieda li jistabbilixxi sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS), bi qbil mal-EMAS. Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Parlament iffirma d-Dikjarazzjoni EMAS, li fiha ta kelmtu li se jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkunu konsistenti mal-aħjar prattiki attwali fil-ġestjoni ambjentali. Fl-2007, kiseb iċ-ċertifikazzjoni ISO 14001.2004 u rċieva r-reġistrazzjoni EMAS. Skont l-EMAS, fis-16 ta' Diċembru 2019 il-Parlament iddeċieda li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu għal kull persuna b'mill-anqas 40 % sal-2024 meta mqabbel mal-2006, kif ukoll għadd ta' indikaturi oħra tal-prestazzjoni klimatika, inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport tal-persuni, l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-konsum tal-gass, iż-żejt tal-fjuwil u tal-elettriku, eċċ. Skont id-data tal-EMAS tal-2019, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Parlament għal kull persuna diġà tnaqqsu b'37,7 %.

Il-Parlament japplika wkoll politika ta' APE. F'Ġunju 2017, il-Parlament ippubblika studju dwar l-APE, li jeżamina l-użu u l-opportunitajiet attwali tal-APE fl-UE, fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tal-UE tal-Kummissjoni għall-ekonomija ċirkolari u bħala segwitu għalih. L-istudju identifika benefiċċji ambjentali għaċ-ċittadini, kif ukoll gwadanji għall-impjiegi u għall-ekonomija ġenerali fil-livell Ewropew.

L-EcoAP intlaqa' pożittivament mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2013. Il-Parlament enfasizza l-effetti ta' sinerġija potenzjali tal-ekoinnovazzjoni għall-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent u t-tnaqqis tad-dipendenza ekonomika. Barra minn hekk, ir-riżoluzzjoni tenfasizza n-natura trasversali tal-politika fil-qasam tal-ekoinnovazzjoni u l-bżonn li din tal-aħħar tiġi integrata fl-oqsma kollha ta' politika. F'dan il-kuntest, il-Parlament laqa' l-possibilitajiet ta' finanzjament tal-eko-innovazzjoni skont l-Orizzont 2020, COSME,

LIFE u l-politika agrikola komuni, u enfasizza r-rwol tal-istrumenti finanzjarji emerġenti tal-UE bħala vetturi għall-inizjattivi emblematiċi Ewropej, l-Unjoni ta' Innovazzjoni u l-Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi skont l-istrateġija Ewropa 2020.

Waqt in-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, il-Parlament talab żieda fil-baġit fit-tul tal-UE għaldan il-perjodu, fid-dawl tal-objettivi ambizzjużi ddefiniti fl-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. Waqt in-negozjati dwar programmi speċifiċi, il-Parlament irnexxielu jżid l-ekoinnovazzjoni fost il-prijoritajiet ta' investiment eleġibbli għall-finanzjament fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni leġiżlattiva fit-13 ta' Ġunju 2017 dwar is-simplifikazzjoni tat-tikkettar enerġetiku għall-apparat domestiku bi skala minn A sa G, li tippermetti lill-konsumaturi jagħżlu prodotti li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar "Ħajja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji", il-Parlament stieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni dwar id-durabilità tal-prodotti billi tikkunsidra t-tnedija ta' tikketta Ewropea volontarja li tkopri, b'mod partikolari, id-durabilità tal-prodott, il-karatteristiċi tal-ekodisinn, il-possibbiltà ta' aġġornar f'konformità mal-progress tekniku u l-kapaċità ta' tiswija.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE), il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tuża biżżejjed riżorsi għall-proċess tal-ekodisinn minħabba l-valur miżjud sinifikanti tal-UE tal-leġiżlazzjoni. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni, tivvaluta jekk il-metodoloġija tal-ekodisinn attwali tistax tintuża għal kategoriji ta' prodotti oħrajn minbarra prodotti relatati mal-enerġija, u tippreżenta proposti għal leġiżlazzjoni ġdida;

Għalkemm il-Parlament, skont l-EMAS, ilu mill-2016 jiddikjara n-newtralità karbonika bħala riżultat tat-tpaċija ta' 100 % tal-emissjonijiet tiegħu li ma jistgħux jitnaqqsu, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 il-Parlament iddikjara li se jmexxi bl-eżempju u ta struzzjonijiet lill-Bureau tiegħu biex jiżviluppa strateġija biex sal-2030 isir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz ta' miżuri interni (mingħajr tpaċija). L-istudju tal-Parlament dwar in-newtralità karbonika, ippubblikat f'Settembru 2020, jiddeskrivi miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq il-perjodu ta' żmien qasir, medju u twil li jippermettu lill-Parlament inaqqas drastikament il-marka karbonika tiegħu bil-ħsieb li jikseb newtralità karbonika sal-2030.

Georgios Amanatidis
04/2021